# Ittra tad-Drittijiet għal persuni miżmuma arrestati għal reati marbuta mat-Terroriżmu

Dan il-fuljett jagħtik informazzjoni importanti dwar id-drittijiet tiegħek skont il-liġi fl-Iskozja u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem meta tkun miżmum fl-għassa tal-pulizija. Dan id-dokument jgħidlek dwar id-drittijiet ewlenin tiegħek waqt li tkun detenut. Ma fihx pariri legali u ma jgħidlekx dwar id-drittijiet kollha tiegħek. Int għandek tfittex il-pariri legali indipendenti proprji tiegħek.

Jekk jogħġbok aqra din l-informazzjoni mill-aktar fis possibbli. Tgħinek tieħu deċiżjonijiet waqt li tkun qiegħed fl-għassa tal-pulizija. Jekk jogħġbok staqsi lill-pulizija jispjegawlek dak kollu li ma tifhimx f'dan il-fuljett, jekk tixtieq kopja li faċli taqraha jew traduzzjoni.

## Ftakar id-drittijiet tiegħek:

1. **Int għandek id-dritt li tkun taf għaliex il-pulizija qed iżommuk taħt kustodja.**
2. **Int għandek id-dritt li tkun taf x'jaħsbu li għamilt il-pulizija.**
3. **Int għandek id-dritt li jkollok avukat infurmat li tinsab fl-għassa tal-pulizija. Dan huwa mingħajr ħlas.**
4. **Int għandek id-dritt li jkollok lil xi ħadd ieħor infurmat li int tinsab fl-għassa tal-pulizija. Pereżempju, dan jista' jkun membru tal-familja, xi ħadd li jieħu ħsiebek jew ħabib(a).**
5. **Int għandek id-dritt li ma tgħid xejn. Ma għandek għalfejn twieġeb għall-ebda mistoqsija li jistaqsuk il-pulizija. IŻDA trid tagħti l-isem, l-indirizz, id-data ta' twelid, il-post ta' twelid u n-nazzjonalità tiegħek.**
6. **Int għandek id-dritt li tkellem lil avukat mingħajr dewmien fil-privat qabel ma l-pulizija jistaqsuk il-mistoqsijiet. Tista' tkellem ukoll lill-avukat fi kwalunkwe ħin meta l-pulizija jkunu qed jistaqsuk il-mistoqsijiet.**
7. **Jekk għandek anqas minn 16-il sena, jew anqas minn 18-il sena u soġġett għal ordni ta' superviżjoni obbligatorja, int għandek ukoll id-dritt li ġenitur jew it-tutur iżurek fl-għassa tal-pulizija.**
8. **Int għandek id-dritt għal assistenza medika urġenti.**

© Drittijiet tal-Awtur 2018
ISBN ta' Crown: 978-1-78851-790-4

APS Group Scotland
PPDAS297786 (04/18)

Scottish Government
Riaghaltas na h-Alba
gov.scot

## Id-drittijiet tiegħek

Jekk jogħġbok kun af li: F'ċirkustanzi eċċezzjonali, il-pulizija għandhom id-dritt li jdewmu jew jissospendu l-aċċess tiegħek għal uħud minn dawn id-drittijiet. Pereżempju, jekk il-pulizija jaħsbu li jeħtieġ li jkellmuk biex persuna oħra ma tweġġax. **Dan ma jinkludix id-dritt tiegħek li ma tgħid xejn.**

## 1. Informazzjoni għal persuni miżmuma fil-kustodja tal-pulizija

- **Dritt li ma tgħid xejn**

  Int ma għandek għalfejn twieġeb l-ebda waħda mill-mistoqsijiet li l-pulizija jistaqsuk dwar x'jaħsbu li għamilt.

  Dak kollu li tgħid jitniżżel bil-miktub jew jiġi rrekordjat u jista' jintuża bħala evidenza waqt proċess kriminali, jekk il-każ tiegħek jitressaq il-qorti.

  Int għandek tagħti ismek u l-indirizz, id-data ta' twelid, il-post ta' twelid u n-nazzjonalità tiegħek lill-pulizija meta dawn jistaqsuk għal dawn id-dettalji.

- **Kif tavża lil avukat li tinsab fl-għassa tal-pulizija**

  Int tista' titlob lill-pulizija sabiex jgħidu lil avukat li tinsab fl-għassa tal-pulizija. Dan jista' jkun l-avukat tiegħek stess, jew jekk ma tkun taf lil ebda avukat, l-avukat tal-għassa. Il-pulizija jieħdu ħsieb li jikkuntattjaw avukat mill-aktar fis possibbli. Dan huwa mingħajr ħlas.

- **Kif tavża lil ħaddieħor li tinsab fl-għassa tal-pulizija**

  Int tista' titlob lill-pulizija jikkuntattjaw lil ħaddieħor sabiex tgħidilhom li tinsab fl-għassa tal-pulizija. Dan jista' jkun xi ħadd mill-familja tiegħek, is-sieħeb/sieħba tiegħek, il-persuna li tieħu ħsiebek, il-ħabib(a) tiegħek jew persuna oħra li taf. Huma jikkuntattjaw lil xi ħadd għalik malli jkunu jistgħu jagħmlu dan.

### Jekk għandek anqas minn 16-il sena (jew anqas minn 18-il sena u int soġġett għal ordni ta' superviżjoni obbligatorja):

- Il-pulizija trid tipprova tinforma lil ġenitur jew lit-tutur tiegħek li int tinsab fl-għassa tal-pulizija.
- Il-ġenitur jew it-tutur tiegħek jistgħu jiġu u jappoġġjawk fl-għassa tal-pulizija.

- **Kif iġġib interpretu biex jgħinek**

  Jekk int ma titkellimx jew tifhem l-Ingliż, il-pulizija tieħu ħsieb issib lil xi ħadd li jitkellem il-lingwa tiegħek (interpretu) biex jgħinek. Dan huwa mingħajr ħlas. Huwa importanti li tifhem x'ikun qed jingħad fl-għassa tal-pulizija.

  Jekk int trux jew issib problema biex tikkomunika b'mod ċar, il-pulizija se tieħu ħsieb issib lil xi ħadd biex jgħinek. Dan jista' jkun interpretu tal-BSL jew professjonist xieraq ieħor. Dan huwa mingħajr ħlas.

- **Jekk m'intix Brittaniku**

  Jekk m'intix Brittaniku, tista' titlob lill-pulizija jikkuntattjaw lill-Kummissjoni l-Għolja, lill-Ambaxxata jew lill-Konsulat tiegħek, sabiex tgħidilhom fejn tinsab jew għaliex tinsab fl-għassa tal-pulizija. Dawn ukoll jistgħu jżuruk fil-privat u jieħdu ħsieb isibulek avukat biex ikellmek.

- **X'jiġri jekk tiġi akkużat jew miżmum fil-kustodja b'mandat?**

  Jekk tiġi akkużat b'reat, int tista' tiġi meħlus mill-kustodja jew tista' tinżamm fl-għassa tal-pulizija u titressaq il-qorti fil-jum tax-xogħol li jmiss. Jew tista' tiġi meħlus jekk taqbel li titla' l-qorti f'data fissa.

- **Aċċess għad-dokumenti**

  Jekk il-każ tiegħek jitressaq quddiem il-qorti int jew l-avukat tiegħek tingħataw nota ta' evidenza fil-każ. Dan jippermetti lilek jew lill-avukat tiegħek sabiex tħejju d-difiża tiegħek.

  Jekk ma tifhimx bl-Ingliż, għandek id-dritt għal traduzzjoni tal-informazzjoni rilevanti.

- **Jekk int marid jew imweġġa'**

  Il-pulizija se tistaqsik mistoqsijiet dwar is-saħħa u l-benessri tiegħek. Il-pulizija tista' titlob lil tabib jeżaminak. Dan sabiex jiġi żgurat li int tiġi mħares kif xieraq waqt li tkun fil-kustodja. Jekk tħoss li għandek bżonn tara tabib għid b'dan lill-pulizija. Jekk timrad, se tingħata assistenza medika.

- **Ikel u Xorb**

  L-ilma jingħatalek jekk titlob għalih. Jekk iddum fil-kustodja għal perjodu ta' aktar minn erba' sigħat tingħata l-ikel. Jekk għandek xi rekwiżiti djetetiċi jew reliġjużi mela għid b'dan lill-pulizija mill-aktar fis.

**Jekk teħtieġ appoġġ addizzjonali (jekk jogħġbok, kun af li din hi informazzjoni dwar servizz biss u mhix dritt):**

Tista' tkun teħtieġ għajnuna biex tifhem x'ikun qed iseħħ meta tkun fl-għassa tal-pulizija. Din l-għajnuna tista' tiġi pprovduta minn persuna ta' appoġġ imsejħa Adult Xieraq. Dan jista' japplika għalik jekk għandek disturb mentali jew diżabbiltà fit-tagħlim. **Tkellem mal-pulizija jekk taħseb li tkun teħtieġ dan l-appoġġ.**

Jekk il-pulizija jaħsbu li teħtieġ l-appoġġ ta' Adult Xieraq, huma jitolbu lil wieħed jattendi, anke jekk int ma titlobx wieħed.

## 2. Informazzjoni għan-nies li jkunu se jiġu interrogati mill-pulizija

- **Kif iġġib avukat biex jgħinek**
    - Għid lill-pulizija jekk tixtieq titkellem ma' avukat. Il-pulizija tikkuntattja lil avukat għalik mill-aktar fis possibbli.
    - L-avukat jgħidlek jekk jistax jagħtik pariri mingħajr ħlas jew jekk tridx tħallas għall-pariri. Jekk trid tħallas, jispjegalek kemm se jkollok tħallas u kif tista' tagħmel dan. Il-pulizija mhumiex se jħallsu għall-avukat tiegħek jew jiddiskutu dwar kif jitħallas l-avukat tiegħek.
    - Il-pulizija normalment ma jitħallewx jistaqsuk mistoqsijiet mingħajr avukat jekk int tkun tlabt li jkun hemm avukat miegħek fil-kamra.
    - Xi drabi l-pulizija jkunu jridu jistaqsuk mistoqsijiet b'mod urġenti qabek ma tkun tkellimt ma' avukat.
    - Li titkellem ma' avukat ma tagħtix l-impressjoni li tkun għamilt xi ħaġa ħażina.
    - Tista' tbiddel il-ħsieb dwar jekk tkellimx avukat jew le fi kwalunkwe ħin. Għid lill-pulizija b'dan mill-aktar fis possibbli u huma jikkuntattjaw avukat għalik.
    - Ir-rwol ta' avukat huwa li jħares id-drittijiet tiegħek u li jagħtik pariri dwar il-liġi.
    - Int tista' tagħżel li tkellem lil avukat li taf jew lill-avukat tal-għassa. Dan l-avukat ikun indipendenti u ma jaħdimx għall-pulizija.
    - Jekk uffiċjal għoli tal-pulizija jagħti l-permess, spettur bl-uniformi jista' jkun preżenti waqt li tkun qed tikkonsulta lill-avukat tiegħek.
    - Int jista' jkollok taħdita privata mal-avukat.
    - Int tista' titlob biex l-avukat ikun preżenti fil-kamra miegħek meta l-pulizija jistaqsuk il-mistoqsijiet.
    - Jekk l-avukat ma jiġix fl-għassa tal-pulizija meta jkun qal li ġej, jew ikollok bżonn terġa' tkellem lill-avukat għal darb'oħra, itlob lill-pulizija biex jikkuntattjawh għal darb'oħra.

- **Kemm tista' ddum miżmum arrestat għall-interrogazzjoni?**

  Il-pulizija tista' żżommok arrestat għall-interrogazzjoni għal massimu ta' 48 siegħa mingħajr ma takkużak b'reat. Kultant żmien uffiċjal għoli tal-pulizija jrid janalizza l-każ tiegħek u jara jekk għandekx tibqa' miżmum arrestat. Din tissejjaħ rieżami. Ma tistax tinżamm arrestat għal aktar minn 48 siegħa sakemm ma jkunx permess mill-qorti. Il-qorti tista' testendi l-perjodu ta' arrest mingħajr akkuża għal massimu ta' 14-il jum mill-arrest tiegħek. F'dawn iċ-ċirkustanzi trid tingħata dan li ġej:

- Dokument bil-miktub li juri li saret l-applikazzjoni għall-estensjoni tal-arrest tiegħek;
- Il-ħin li fih tkun saret l-applikazzjoni;
- Il-ħin li fih l-applikazzjoni għandha tinstema' fil-qorti u
- Ir-raġuni(jiet) li għaliha/għalihom se tinżamm arrestat għal aktar żmien.

Int (u r-rappreżentant legali tiegħek) tridu tingħataw avviż kull darba li ssir applikazzjoni għall-estensjoni jew għall-estensjoni ulterjuri tal-arrest tiegħek.

Int u l-avukat tiegħek għandkom id-dritt li tkunu involuti f'din id-deċiżjoni, sakemm ma tkunx fi stat xieraq biex tagħmel dan. Avukat jista' jagħtik parir dwar dan.

## Viżitaturi Indipendenti waqt il-Kustodja

Hemm membri tal-komunità li jistgħu jaċċessaw l-għases tal-pulizija. Dawn huma magħrufa bħala Viżitaturi Indipendenti tal-Kustodja u joperaw fuq bażi volontarja sabiex jiżguraw li n-nies miżmuma arrestati jiġu trattati kif xieraq u li għandhom aċċess għad-drittijiet tagħhom.

Int ma għandekx id-dritt li tara viżitatur tal-kustodja indipendenti jew titolbu jżurek iżda viżitatur jista' jitlob li jarak. Jekk viżitatur indipendenti tal-kustodja jżurek waqt li tkun fil-kustodja dan ikun qed jaġixxi b'mod indipendenti mill-pulizija sabiex jivverifika li l-benessri u d-drittijiet tiegħek ikunu ġew imħarsa. Hija l-għażla tiegħek jekk tkunx tixtieq titkellem miegħu.